Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2687

28.11.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2687

## tas-27 ta' Novembru 2023

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għal azzjoni b'appoġġ għat-Task Force Konġunta Multinazzjonali kontra l-Boko Haram (MNJTF) li għandha tiġi ffinanzjata taħt il-miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 ([1]) (il-"miżura ta' assistenza").

(2) Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/510 ([2]), li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 billi żiedet lill-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA fil-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza.

(3) Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà approva rakkomandazzjoni mir-Rappreżentant Għoli biex l-organizzazzjoni mhux governattiva Żvizzera COGINTA tiġi sostitwita mill-operatur Franċiż Défense Conseil International (Grupp DCI) bħala attur implimentattiv għal parti mill-azzjoni b'appoġġ tal-MNJTF.

(4) Il-lista ta' entitajiet li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-miżura ta' assistenza jenħtieġ li tinkludi lill-Grupp DCI.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS*

Lista tal-ministeri, tad-dipartimenti tal-gvern, u ta' korpi u aġenziji oħra tal-liġi pubblika tal-Istati Membri, u ta' korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza (*):

— Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit

— Expertise France

— Défense Conseil International (DCI Group)

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 tal-21 ta' April 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 38).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/510 tas-7 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 70, 8.3.2023, p. 55).

Lista ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jistgħu jimplimentaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza:

— COGINTA

(*) Din il-lista tirrelata biss mal-miżura ta' assistenza stabbilita minn din id-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu appuntati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Y. DÍAZ PÉREZ